**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Novembru 2009 (Każ R 1666/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Marc O'Polo International GmbH u Esprit International LP.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Esprit International LP hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 100, 17.04.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2011 — Ben Ri Electrónica vs UASI — Sacopa (LT LIGHT-THECNO)**

**(Kawża T-143/10)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva LT LIGHT-THECNO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti LT — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2011/C 370/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ben Ri Electrónica, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A.I. Alejos Cutuli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Sacopa, SAU (Sant Jaume de Llierca, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ben Ri Electrónica, SA u Sacopa, SA.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), hija annullata.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Ben-Ri Electrónica, SA.*

([1]) ĠU C 134, 22.05.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2011 — Three-N-Products Private vs UASI — Shah (AYUURI NATURAL)**

**(Kawża T-313/10)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AYUURI NATURAL — Trade marks Komunitarji verbali u figurativi preċedenti AYUR — Raġuni relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/209")***

(2011/C 370/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Three-N-Products Private Ltd (New Delhi, l-Indja) (rappreżentant: C. Jäger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Sheilesh Shah (Wembley, ir-Renju Unit); u Akhil Shah (Wembley) (rappreżentant: M. Chapple, barrister)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Ġunju 2010, (Każ R 1005/2009-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Three-N-Products Private Ltd u S. Shah u A. Shah u M. M. Shah.

**Dispożittiv**

(1) *Id-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-1 ta' Ġunju 2010, (Każ R 1005/2009-4) hija annullata.*

(2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' Three-N-Products Private Ltd.*

(3) *Sheilesh Shah u Akhil Shah għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Three-N-Products Private Ltd għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.*

([1]) ĠU C 260, 25.09.2010.